waħda ddoqq is-sirena u, mad-daqq tas-sirena jinstama' sparar qawwi tal-kanuni, treddin ta' ajruplani u tfaqqigħ ta' bombi fil-qrib... Il-Patrijiet waqfu u trekknu taħt ħnejja u triegħdu bla ma felħu jiċċaqalqu. Fra Marjan baqa' jiżfen u jħabbat saqajh u iżjed ma jżid l-isparar tal-kanuni u t-tfaqqigħ tal-bombi, iżjed iħabbat saqajh u jonfoħ bla ma jaqta' nifsu jew jieqaf. F'daqqa waħda l-għajta qawwija tas-sirena ħabbret li l-għadu telaq u waqgħet sikta. Iżda Fra Marjan ma waqafx; f'dik is-saħna ta' żifna kien intilef għal kollox u tħajjar ibiddel ix-xejra ta' dik il-qima lejn Ġesù Bambin u nqaleb rasu 'l isfel u saqajh il fuq. Il-Gwardjan u sħabu ma' l-aħbar tas-sirena li l-biża' għadda ħarġu mir-rokna u qalbhom qawwija ċċaqalqu u meddew riġlejhom biex ifittxu jwarrbu lil Fra Marjan mill-knisja u jieħdu ħsiebu qabel ma l-qilla tas-Sema tinfexx fuq il-kunvent u fuqhom. Iżda kif għoddhom resqin lejn Fra Marjan u sa jmiddu idejhom fuqu jilmħu 'l Bambin Ġesù ta' ġewwa l-presepju jqajjem rasu, u b'għajnejh iżebbġu u bi tbissima f'fommu iqum minn fuq it-tiben u b'idejh miftuħin imidd saqajh biex imur għand Fra Marjan, fil-waqt li l-Madonna u San Ġużepp jaqbduh minn idejh, il-waħda mix-xellug u l-ieħor mil-lemin. In-nies u l-bhejjem tal-presepju kollha jitħarrku; ir-ragħajja jqumu, taż-żaqq jiżżegleg u jonfoħ, l-imgħaġġeb jiftaħ idejh, il-ħmar italla' rasu u jinħaq, il-baqra tiftaħ imnifsejha u tgħajjat, u n-ngħaġ bir-ragħaj warajhom jitilgħu mill-wied u jaqbdu l-mogħdija tal-għar, waqt li mat-tgelgil ta' l-ilma jnixxi mill-blat jinstama' fis-smewwiet id-daqq ta' qatgħa kbira ta' anġli, min jagħti bil-katuba, min bit-tanbur, min iħabbat bil-plattini, min iċekċek bil-qniepen, min jonfoħ il-kurunetta, min iħanxar bil-vjolin jew bil-kuntrabaxx... u Fra Marjan, li raġa' qaleb għaż-żfin, bil-għaraq nieżel miegħu jagħti dejjem b'saqajh, b'idejh miftuħin, kollu ferħan, u bit-tbissima f'fommu jħares il fuq donnu tiela' s-Sema... Minn fuq rasu, mat-triqat imdawla tas-Smewwiet, kienu għaddejjin qtajja' ta' anġli oħra rekbin fuq l-ajruplani jaqdfu bil-ġwienaħ tad-deheb u bil-bnadar bojod iperpru f'idejhom igħannu: "Ġieħ 'l Alla fl-ogħla tas-Sema u Sliem lill-Bnedmin ta' rieda tajba"... Il-Gwardjan u sħabu niżlu għarrkobbtejhom, għaddsu rashom biesu l-art u qalu: "U barka lil dawk li għandhom qalbhom safja għax huma li jaraw wiċċ Alla".

A. Cremona



# L-ANNUNZJAZZJONI

Fil-ħemda ta' kamritha għarrkobtejha,
Miġbura fil-Mulej, titlob Marija
F'telfa ta' mħabba, jixħdu ħbub għajnejha
Ta' ruħha s-safa fejn m'hemmx dell ta' ħtija.

Jidher l-Arkanġlu, b'qima jersaq lejha,
Igħidilha kif għad tkun Omm il-Messija,
Temmen u tobdi, tħarrek ftit xofftejha:
—Kif jamar il-Mulej hekk isir fija.—

U l Iben t'Alla żar il-hemm f'suritna,
Fil-ġuf t'Omm Xebba niżel igħammar magħna,
Bix-xewqa li jithenna b'imħabbitna.

U bla tibdil sar li ma kienx, għax ħalla
Miegħu magħquda, f'ġisem ħaj bħal tagħna,
Il-kobor, l-Għerf, is-Setgħa. . . . . l-Ħajja t'Alla.

Val. V. Barbara O.P.

# FI TWELID SIDNA

Ja belt ta' David, ġawhra tal-Lhudija,
Stenbaħ min-ngħas, ilqa' ta' l-Anġli l-bxara,
Wasal iż-żmien imnebbaħ mn'Isaija,
Mistenni mill-bnedmin bi kbira ħrara.

Ilqa' fi ħdanek 'l Alla, Bin Marija
Magħmul tarbija ċkejkna, u għum fix-xmara
Tan-nar ta' mħabbtu, Hu l-Messija,
Għalkemm imsaħħan biss minn baqra u ħmara.

Anġli tad-dawl, dewqulna l-ferħ tal-ġenna.
Għannu das-sebħ ta' fidwa u sliem għall-bniedem,
La tieqfu xejn, sabiex kull qalb tithenna.

Naqqax, Mulej, fi qlubna din il-ġrajja,
Iġbidna Lejk, f'imħabbtek ilqa' n-niedem,
Għax Inti d-Dawl, it-Triq, is-Sewwa, l-Ħajja.

Val. V. Barbara, O.P.